



0065/2015

11.11.2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Sena Ewropea tal-Intraprenditorija

**Emil Radev (PPE), Antonio Tajani (PPE), Othmar Karas (PPE),
Tom Vandenkendelaere (PPE), Pablo Zalba Bidegain (PPE),
Helga Stevens (ECR), Jonás Fernández (S&D), Theresa Griffin (S&D),
Dita Charanzová (ALDE), Martina Dlabajová (ALDE), Jana Žitňanská
(ECR), Ulla Tørnæs (ALDE), Cláudia Monteiro de Aguiar (PPE),
Alain Lamassoure (PPE), Paul Rübig (PPE), Mariya Gabriel (PPE),
Eva Paunova (PPE)**

Data ta' skadenza: 11.2.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
dwar Sena Ewropea tal-Intraprenditorija¹**

1. Bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-qgħad għoli, partikolarment fost iż-żgħażagħ, huwa waħda mill-akbar sfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Ewropa. Il-kriżi mhux biss qajmet kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-impjieg, iżda wkoll naqqset il-fiduċja taż-żgħażagħ u dgħajfet il-motivazzjoni u x-xewqa tagħhom li jibqgħu fl-Ewropa.
2. L-iżvilupp ta' spiritu u ħiliet intraprenditorjali huwa fost l-aktar mezzi sostenibbli biex jiżdied l-impjieg. Fuq perjodu ta' żmien qasir dan se joħloq impjieg ġoddha, filwaqt li r-riżultati fit-tul se jkunu tibdiliet strutturali fis-suq tax-xogħol, aktar il-flessigurtà, u valur miżjud għall-ekonomiji tal-UE.
3. Il-Kummissjoni, għaldaqstant, qed tintalab tikkunsidra l-possibilità li tniedi Sena Ewropea tal-Intraprenditorija.
4. Is-Sena Ewropea tal-Intraprenditorija se tkun ta' importanza partikolari għall-promozzjoni ta' miżuri previsti fil-pjan ta' azzjoni "Intraprenditorija 2020", speċjalment fost gruppi li l-potenzjal intraprenditorjali tagħhom għadu ma ġiex realizzat għalkollox: iż-żgħażagħ, in-nisa, iċ-ċittadini anzjani, il-persuni qiegħda u intraprendituri potenzjali oħra.
5. It-ħabbira ta' Sena Ewropea tal-Intraprenditorija tgħin biex l-intraprenditorija ssir għażla ta' karriera attraenti għall-Ewropej, jinħolqu negozji u impjieg ġoddha u jingħata stimolu lill-innovazzjoni fin-neozju.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.